# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Gunju, 2001**

**Numru 28**

**Cit. Nru. 1554/93 FGC**

**Joseph N. Tabone**

**vs**

**Onor. Evarist Bartolo**

**<u>L-Att tac-Citazzjoni</u>**

L-attur ipproceda kontra l-konvenut b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"L-attur jippremetta :

li f'pagna 3 tal-harga tal-"KullHadd" tal-14 ta Novembru, 1993, li taghha l-konvenut huwa editur, f'artiklu intitolat "J.N. Tabone f'Tigne u Manoel Island ukoll" (Dok. A) gew attribwiti fatti determinati li huma foloz u malafamanti fil-konfront tieghu bl-iskop illi jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

li huwa, bhala l-parti offiza u malafamata, ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Att XL tal-1974);

**TALAB** li l-konvenut ighid ghaliex :

1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-istampat suriferti huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu u li jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku; u

2. M'ghandux jigi kkundannat ihallasu dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix elfejn lira (LM2,000) bhala danni ghal malafama b'applikazzjoni tal-Artiklu 28 tal-Att XL tal-1974;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut"

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi l-artikolu ndikat mhuwiex libelluz fil-konfront tal-attur proprio et nomine;

2. Illi, subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, in kwantu l-artikolu in kwistjoni jikkonsisti f'espressjoni ta opinjoni huwa "fair comment" maghmul in buona fede fuq fatti li huma materja ta interess pubbliku; u in kwantu l-artikolu jikkonsisti f'allegazzjoni ta fatt, il-fatti huma sostanzjalment veri;

3. Illi, konsegwentement, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez".

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tat-12 ta' Marzu, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici u hekk (1) iddikjarat li l-istampat imsemmi huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li konsegwentement jesponih ghad-disprezz u ghar-ridikolu tal-pubbliku u (2) ikkundannat lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira (Lm500.00) in linea ta' danni skond l-Artikolu 28 ta' l-Att XL ta' 1974, bl-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Li l-konvenut, fil-15 ta Dicembru, 1998, cioe' xahar wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza, pprezenta rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza "sabiex il-Qorti tkun semghet iz-zewg qniepen" u offra li x-xhieda jipproduciha bil-procedura tal-affidavit. Id-difensur ta l-attur oppona u ssottometta li jekk il-Qorti takkorda din is-sospensjoni hija tkun qeghda twettaq ingustizzja mal-attur ghaliex, ghalkemm il-Qorti ghandha l-obbligu li taghti lill-konvenut l-opportunita' li jsemma lehnu, jekk il-konvenut, ghal darba jew izjed, jirrifjuta li "jdoqq il-qanpiena tieghu" l-Qorti ghandha tipprocedi bil-kors tal-gustizzja.
>
> Din il-Qorti, ghalhekk, sejra, fl-ewwel lok, tiddisponi minn dan ir-rikors tal-konvenut.

Jinghad li, matul il-kors tal-kawza, l-konvenut attenda ghal seduta wahda biss u cioe' fl-udjenza li fiha bdiet tinstema' l-kawza u li nzammet fl-14 ta Marzu, 1994. Fl-udjenza tad-9 ta Ottubru, 1996, il-konvenut u d-difensur tieghu baqghu ma dehrux u l-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut ghad-differiment avanzata permezz ta rikors, li ma kienitx opposta mill-avukat ta l-attur, u ddifferiet il-kawza ghat-22 ta Novembru, 1996 biex dikinhar id-difensuri jaqblu fuq data bl-appuntament ghall-provi. Gara li fl-udjenza tat-22 ta Novembru, 1996 l-konvenut u d-difensur tieghu regghu ma dehrux u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghat-2 ta Mejju, 1997 **ghall-provi tal-konvenut.** Waslet l-udjenza tat-2 ta Mejju, 1997 u l-konvenut u d-difensur tieghu regghu ma dehrux; il-konvenut, pero', baghat jitlob differiment peress li kien jinsab okkupat b'xoghol ministerjali u, billi l-avukat ta l-attur rega' ma opponiex, il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghat-28 ta Novembru, 1997 **ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenut u kellha tissejjah fil-11.30 a.m.** Fl-udjenza tat-28 ta Novembru, 1997 deher l-Avukat tal-konvenut u talab differiment billi l-konvenut kien okkupat bix-xoghol tieghu parlamentari u, wara li l-Avukat ta l-attur ma opponiex, il-Qorti regghet iddifferiet il-kawza ghall-1 ta April, 1998 fil-11.30 a.m. **ghall-ahhar darba, ghall-provi tal-konvenut.** Dakinhar, cioe' fl-1 ta April, 1998, s-seduta ma saritx peress li l-Imhallef Sedenti kien indispost. Il-kawza, ghalhekk, giet differita ghat-3 ta April, 1998 fil-11.30 a.m. ghall-**iskop tal-verbal precedenti,** cioe' l-provi tal-konvenut u **b'dan li l-opportunita' moghtija lill-konvenut biex iressaq il-provi kellha tkun l-ahhar wahda.** F'din l-ahhar seduta, pero', l-konvenut u l-Avukat tieghu regghu ma dehrux u l-avukat baghat jitlob differiment billi l-konvenut kien imsiefer fuq xoghol. Id-difensur ta l-attur rega' kien indulgenti u ma opponiex ghal din it-talba u l-Qorti regghet iddifferiet il-kawza ghall-**provi tal-konvenut** ghas-16 ta Novembru, 1998 fl-10.00 a.m. Din l-ahhar seduta waslet ukoll u l-konvenut u d-difensur tieghu, ghal darb'ohra, regghu ma kienux prezenti u l-provi, ghalhekk, baqghu ma sarux. Id-difensur ta l-attur

talab li l-kawza tmur ghas-sentenza **"stante li l-konvenut ripetutament naqas li jressaq il-provi tieghu"** u l-Qorti ddifferit il-kawza ghas-sentenza.

Fil-fehma tal-Qorti, dan hu ezempju car ta konvenut li propriju ma riedx li jsemma l-'qanpiena' tieghu u, ghalhekk, ir-rikors tieghu ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ma jistax ma jitqiesx mill-Qorti bhala tentattiv iehor biex il-kawza titwal inutilment. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-konvenut ha xahar shih biex jistembah u jintavola r-rikors tieghu u, ghalkemm tapprezza li l-konvenut ghandu kull dritt li jiddefendi dawk li huwa jidhirlu li huma drittijiet legittimi tieghu, pero', minn nahha l-ohra, l-Qorti ma tistax tippermetti dak li hi jidhrilha li hu abbuz tal-processi taghha u, fuq kollox, il-Qorti ma tistax tittollera li l-proceduri quddiemha jsiru ineffikaci u b'hekk ma ssirx gustizzja fi zmien ragonevoli mal-attur.

Din il-Qorti, ghalhekk, qeghda tichad it-talba tal-konvenut ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidrat :

Din il-kawza qeghda ssir minhabba l-istampat li kien deher fil-harga tal-gazzetta "KullHadd" tal-14 ta Novembru, 1993, taht it-titolu "J.N. Tabone f'Tigne u Manoel Island ukoll". Kopja ta dan l-istampat tinsab esibita mac-citazzjoni bhala "Dokument A" (fol. 7 tal-process).

Fil-fehma tal-Qorti, meta wiehed iqis sewwa l-kontenut ta dan l-istampat johrog car li l-artikolist ried iwassal lill-qarrejja tieghu l-ahbar li l-attur, li kien ic-Chairman tal-Air Malta u ex-Chairman tal-Bank of Valletta, kif ukoll Accountant, kienet ser tmissu strina mill-isbah ghaliex "….fi ftit gimghat ohra se jinghata l-kuntratt tal-progett ta Manoel Island u l-Ponta ta Tigne".

Umbaghad, l-artikolista jkompli jgharraf lill-qarrejja li l-attur kien nqala' barra (mill-progett) bhala rapprezentant tal-konsorzju Spanjol li kien tefa' l-offerta teighu ghall-kuntratt u li dan issa rega' dahal bhala r-raba' wiehed flimkien ma Mizzi, Gasan u Hili li bejniethom jirrapprezentaw konsorzju hawn Malta. L-artikolista jkompli jzid ighid li :
***"Tabone ftit ilu qal lill-haddiema tal-kumpaniji ta l-Air Malta li hu jqishom bhala xkiel li ahjar jaqbzu min-nofs ghax m'ghandux brejkijiet u jghaddi minn fuqhom u jghaffighom. Qasam fejn jidher li m'ghandux brejkijiet J.N.Tabone huwa dak finanzzjarju u kummercjali".***

Fl-ahharnett, jinghad fl-artikolu li l-progett, kif miftiehem bejn il-Gvern u l-Kumpanniji barranin u lokali, kien ser ifisser li madwar tmenin (80) familja kienu ser jitilfu djarhom f'Tigne u li ghaqdiet sportivi kemm f'Tigne kif ukoll f'Manoel Island kienu ser jitilfu posthom.

L-attur qieghed joggezzjona ghal dan l-istampat ghaliex qieghed ighid li huwa malafamanti fil-konfornt tieghu kemm f'dik il-parti fejn jirrapporta dak li allegatament qal hu lill-haddiema tal-kumpanniji ta l-Air Malta, kif ukoll f'dik il-parti fejn jinghad li wza certi metodi biex jidhol fil-progett ta Manoel Island u Tigne. Huwa jsostni li d-diskors li huwa kien ghamel u li t-text tieghu gie pubblikat (kopja tieghu esibita bhala Dok B - a fol. 9) ma jghidx dak li gie riportat u allegat f'dan l-artikolu u jichad kategorikament li qieghed jipprova u / jew effettivament dahal fil-progett ta Manoel Island direttament jew indirettament.

Il-konvenut, ghall-kuntrarju, qieghed jeccepixxi li l-artikolu m'hux libelluz fil-konfront ta l-attur. Huwa jzid ighid li, in kwantu l-artikolu in kwistjoni jikkonsisti f'espressjoni ta opinjoni, huwa 'fair comment' maghmul in buona fede fuq fatti li huma materja ta interess pubbliku; u in kwantu l-artikolu jikkonsisti f'allegazzjoni ta fatt, il-fatti huma sostanzjalment veri.

Ikkunsidrat :

Ghandu jinghad mill-ewwel illi l-istampat 'de quo' in kwantu li jitkellem dwar dak li allegatament ghamel u m'ghamilx l-attur biex sab ruhhu ma tlett zviluppaturi ohra fil-progett ta Manoel Island u Tigne - allegazzjonijiet li l-attur jichad kategorikament - m'ghandhomx jitqiesu malafamanti fil-konfront tal-istanti ghaliex illum, kif huwa risaput, in segwitu ghaz-zewg sentenzi tal-Onorabbli Qorti ta l-Appell, wahda fl-ismijiet "Anglu Fenech pro et noe vs Carmelo Callus" u l-ohra fl-ismijiet "Anglu Fenech vs Peter Darmanin et" (decizi 4.02.94 u 11.04.94) l-area tal-legittimita' tad-dritt ta espressjoni, specjalment permezz tal-istampa u meta si tratta minn persuna pubblika bhal fil-kaz in ezami, ghandha titqies li twessghet sensibbilment b'mod li dak li huwa konsentit f'socjeta' demokratika u li pero' jinzamm entro l-limiti ta dak li huwa ragonevoli - dejjem f'socjeta' demokratika - m'ghandux jitqies bhala malafamanti.

Il-Qorti, fuq l-iskorta ta din il-gurisprudenza mill-aktar recenti, ma jidhrilhiex li dan l-addebitu ta manuvrar fil-kisba ta partecipazzjoni fil-progett ta Manoel Island u Tigne, li f'kull kaz hija materja ta interess pubbliku, ghandu jitqies malafamanti fil-konfront ta l-attur.

M'hux l-istess haga, pero', tista' tinghad fir-rigward ta dik il-parti ta l-istampat fejn jinsab riprodott id-diskors li l-attur allegatament ghamel "ftit ilu lill-haddiema tal-kumpanniji ta l-Air Malta".

Jibda biex jinghad, fl-ewwel lok, li dan id-diskors jinsab pubblikat kelma b'kelma fil-gazzetta "Newsline" li kopja taghha hija esibita a fol. 9 tal-process u li meta l-attur ghamel dan id-diskors huwa ma kienx qieghed jindirizza lill-haddiema tal-Air Malta jew xi haddiema ohra. Jirrizulta li proprjament dan id-diskors kien sar bl-Ingliz u kien inqara mill-attur f'Seminar li kien inzamm mill-Air Malta ghad-dirigenti taghha, ghall-agenti barranin tal-Air Malta u ghal xi nies ohra li kienu interessati fit-turizmu u li kienu

qeghdin jirrapprezentaw lil M.T.O.M. Dan id-diskors kien gie maqlub ghall-Malti u din il-verzjoni kienet giet pubblikata wkoll fl-imsemmija gazzetta interna tal-Air Malta.

Ghalhekk, m'huwiex veru dak li ntqal fl-artikolu li d-diskors aktar 'l fuq riprodott l-attur kien qalu lill-haddiema tal-kumpanniji tal-Air Malta.

Meta wiehed jezamina sewwa dan id-diskors wiehed isib li l-attur iddistingwa bejn diversi kategoriji ta haddiema u ma poggiex lill-haddiema kollha tal-Air Mata f'keffa wahda. Jidher car li l-istampat huwa, kif ighid l-attur, tghawwig malizzjuz u nofs veritajiet, ghaliex filwaqt li l-attur, fid-diskors tieghu, wera ruhhu intransigenti u iebes ma dik is-sezzjoni tal-haddiema " li qeghdin fuq il-linji quddiem it-tren", l-artikolista kkwota dik il-parti tad-diskors tieghu Ii hija applikabbli ghal din l-ahhar kategorija ta haddiema u b'hekk gie li l-attur kien qieghed juri ruhhu iebes u intransigenti mal-haddiema kollha tal-Air Malta, tant li kien lest 'jghaffighom' ghax iqishom bhala xkiel. Dan iffsser Ii, f'mohh il-qarrejja intelligenti, l-attur kien qieghed jigi muri bhala bniedem li jobghod lill-haddiema, anki dawk li jaqdu d-doveri taghhom u jaghmlu xogholhom sewwa, dawk cioe' li l-istess attur, fl-istess diskors, wera l-apprezzament tieghu lejhom u weghedhom li l-kumpannija "ghad tippremjahom".

Din, fil-fehma tal-Qorti, tikkostitwixxi malafama fil-konfront ta l-attur li tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku ghaliex hija haga bla sens li, bhala Chairman tal-Air Malta, l-attur jista' jasal biex jirraguna b'dan il-mod fir-rigward tal-haddiem kollha tal-kumpanniji tal-Air Malta u, ghalhekk, anki fir-rigward ta dawk il-haddiema li kienu meritevoli u li, kif inghad, huwa (l-attur) kien wera l-apprezzament tieghu lejhom.

> Jinghad ukoll illi din il-malafama fil-konfront ta l-attur tirrizulta aktar gravi ghaliex huwa gie impingi bhala bniedem li **'jghaffeg' lill-haddiema kollha meta l-fatti jidhru li huma xort'ohra.** Dan qieghed jinghad ghaliex jirrizulta li l-attur, fiz-zmien li kien dam bhala Chairman tal-Air Malta, ghamel hafna titjib li bbenefika kemm lill-kumpanniji taghha kif ukoll lill-haddiema u lill-familji taghhom.
>
> Il-Qorti, ghalhekk, jidhrilha li t-talba attrici tirrizulta legalment fondata u, kwindi, ghandha tigi akkolta".

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'aggravju li sostanzjalment isostni li l-artikolu in kwistjoni kien jikkonsisti f'kumment dwar l-operat ta' persuna li kienet qed tkopri kariga pubblika, u dana b'riferenza ghal dak li rritenew dawn il-qrati, fil-gurisprudenza anke mhux tant ricenti, illi persuni f'karigi pubblici ma kellhomx ikunu wisq sensittivi ghal kritika ghaliex l-iskrutinju ta' l-attivitajiet taghhom kien mehtieg sabiex jitharsu d-drittijiet tac-cittadini komuni li dawk il-persuni pubblici kienu fid-dover li jservu. It-tezi ta' l-appellant, espressa ghall-ewwel darba fir-rikors ta' dan l-appell ghaliex hu, kif jidher mill-korp tas-sentenza appellata, ma ddeponiex quddiem l-ewwel Qorti hi li, ghalkemm jammetti li hu ma kienx preciz fir-rapportagg tieghu billi "ma ghamilx id-distinzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti bejn il-haddiema tajbin u hziena, daqshekk ma jfissirx li l-attur gie malafamat. Jekk l-attur

ried li ma jigix ikkritikat qatt ma kien messu uza lingwagg ta' "tghaffig", anke ma' dawk il-haddiema li ma kienux ser jikkoperaw mieghu". L-appellant jissottometti li, filwaqt li kien ghal kollox irrilevanti ghall-mertu tal-kawza l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti li l-attur kien ghamel hafna gid lill-Air Malta, ghax dan ma kienx ibbazat fuq il-provi imma l-ewwel Qorti kienet waslet ghall-gudizzju taghha semplicement fuq l-elogju li l-attur kien ghamel tieghu innifsu, dak li nkiteb kien sostanzjalment veru billi kien minnu illi l-attur kien qal li kien "jghaffeg" lill-haddiem. Din il-Qorti allura tifhem illi l-konvenut appellant kien qed isostni illi l-kumment tieghu kien wiehed legittimu u gustifikat. F'kull kaz, anke jekk jirrizulta li l-artikolett kien malafamanti, l-appellant qieghed isostni illi l-ammont ta' Lm500.00 f'danni likwidati mill-ewwel Qorti kien eccessiv. Dan l-aggravju jissuggerixxi s-segwenti konsiderazzjonijiet lil din il-Qorti:-

1. L-attur kien allura indubbjament persuna li qed tokkupa kariga pubblika importanti bhala Chairman tal-linja nazzjonali ta' l-arju, azjenda vitali ghall-ekonomija tal-pajjiz. Bhala tali, l-operat u kondotta tieghu kienu ta' interess pubbliku ghax setghu ikollhom rifless propju fuq ir-rendiment ta' din l-azjenda.

> "One who undertakes to fill a public office, offers himself to public attack and criticism and it is now admitted and

> recognised that the public interest requires that a man's public conduct shall be open to the most searching criticism" (Gatley, On Libel and Slander 8th edition, p. 732 et seq.)

Certament ukoll Direttur ta' azjenda pubblika kellu jaghti kont ta' l-operat tieghu fil-qasam industrijali u l-mod kif jikkonduci r-relazzjonijiet ta' l-azjenda ma' l-impjegati u l-haddiema kien ta' interess pubbliku propju ghaliex jekk il-komportament ta' min imexxi kien tali li johloq disgwid u inkwiet industrijali bla bzonn, dan ikun ovvjament ta' hsara kbira ghall-istess azjenda. Il-mertu ta' l-artiklu inkriminat – jew almenu dik il-parti li ghaliha qed joggezzjona l-attur – kien zgur materja ta' interess pubbliku u tinteressa persuna li kienet qed tokkupa pozizzjoni ta' fiducja pubblika.

2. L-ewwel eccezzjoni tal-kovnenuti hi li l-artikolu ma kienx libelluz fil-konfront ta' l-attur, u f'kull kaz kien jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni li kienet 'fair comment' maghmul in bona fede fuq fatti li huma materja ta' interess pubbliku. Eccezzjoni din li qabel xejn timporta il-kostatazzjoni li dik il-parti ta' l-artikolu, li l-attur appellat iqis bhala malafamanti ta' l-unur tieghu, kienet bazata fuq allegazzjoni ta' fatt li kienet sostanzjalment vera.

3. Il-fatt <u>addebitat</u> lill-attur li l-ewwel Qorti sabet li kien malafamanti kien dak li johrog minn is-sentenza fl-artikolu: "Tabone <u>ftit ilu qal</u> lill-haddiema tal-kumpanija ta' l-Air Malta li hu jqishom bhala xkiel li ahjar jaqbzu min-nofs ghax m'ghandux brejkiet u jghaddi minn fuqhom u jghaffighom". Din is-sentenza ma hija bl-ebda mod kumment jew opinjoni. Hi kostatazzjoni fattwali illi l-konvenut appellant kien jehtieglu jipprova li kienet sostanzjalment vera. Altrimenti l-eccezzjonijiet tieghu ma setghux ikunu sostnuti. Hi kjarament skorretta s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi din is-sentenza setghet tigi kwalifikata bhala "fair comment". Hi invece kostatazzjoni ta' fatt li fl-artikolu in kwistjoni ma kien hemm l-ebda kumment dwaru. Dan ghaliex l-artikolu kien jirreferi ghal suggett li ma kellu x'jaqsam assolutament xejn ma' l-Air Malta imma kien jirrigwarda attivitajiet u interessi ohra kummercjali li l-attur kellu u li wkoll kienu ta' interess pubbliku kbir, u li konsegwentement, dwarhom il-konvenut kien ghal kollox gustifikat li jikkummenta. Il-kaz taht ezami pero' kien jiddependi ghar-rizoluzzjoni tieghu biss fuq ir-risposta ghad-domanda jekk il-fatt allegat kienx jew le malafamanti u jekk kien, kienx sostanzjalment veru. Dan ghaliex ma kienx lecitu illi l-kostatazzjoni ta' fatt tigi kwalifikata bhala kumment fuq xi fatt iehor mertu ta' l-artikolu inkriminat. L-eccezzjoni ta' "fair comment"

ghalhekk ma tistax tigi avanzata fir-rigward ta' din il-parti ta' l-artikolu li ghaliha l-appellat qed joggezzjona.

4. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti fl-apprezzament taghha illi din is-silta mill-artikolu fuq riportata, li tpingi lill-attur ghal kollox non-kuranti ghall-interessi tal-haddiema <u>kollha</u> ta' l-azjenda li kien imexxi u li kien lest f'kull hin jghaffighom u jikkalpestahom, hi ingurjuza fiha nfisha propju ghaliex l-artikolista ddikjara illi l-attur innifsu kien qal dan id-diskors jew diskors f'dan is-sens lill-istess haddiema tal-kumpanija Air Malta. Din il-Qorti kienet anke tifhem illi l-artikolista kien ikun intitolat li jghid diskors simili f'forma ta' opinjoni li hu kellu tal-mod kif l-attur kien jagixxi jew seta' jagixxi ma' l-impjegati tieghu. Seta' wkoll jitqies li diskors simili kien ikun "fair comment" f'certi cirkostanzi fejn jirrizultaw elementi ta' fatt li jiggustifikawh. Meta pero' dan id-diskors jigi riportat bhala li qalu l-individwu nnifsu, dan jiehu dimensjoni ohra b'konsegwenzi ben diversi ghax il-qarrej jifhem illi kien l-istess attur illi ddikjara li kien iqis lill-haddiema ta' l-azjenda bhala xkiel li hu kien lest li jghaddi minn fuqhom u jghaffighom x'hin u meta jrid. Kliem dan li indubbjament, jekk mhux minnu, inaqqas il-gieh u l-istima ta' Direttur ta' azjenda, mhux biss f'ghajnejn il-haddiema tieghu

stess, imma wkoll f'ghajnejn il-pubbliku in generali. Dan apparti li jista' jkun kawza jew kontribwent ta' inkwiet industrijali serju.

5. L-appellant jissottometti li r-rappurtagg tieghu ta' <u>dan il-fatt</u> kien wiehed sostanzjalment veru. Jghid in effetti li dak li nkiteb kien sostanzjalment dak li qal l-attur lill-impjegati ta' l-Air Malta f'laqgha li kellu maghhom waqt Seminar ghad-dirigenti, agenti u *general sales agents* ta' barra, ta' l-Air Malta u ohrajn. Dan id-diskors kien gie riportat verbatim fl-"In House Journal" tal-kumpanija bl-isem "Newsline" li kopja taghha giet esebita in atti, u li kienet facilment accessibbli.

Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti ezaminat it-text ta' dak id-diskors u ssib illi dak riportat fl-artikolu inkriminat kien ghal kollox skorrett u bl-ebda mod ma jirrifletti la l-kliem u lanqas l-ispirtu ta' dak li qal l-attur. B'mod partikolari, u dan hu essenzjali biex jigi stabbilit jekk il-fatt ikkwotat kienx sostanzjalment veru – jinghad illi filwaqt li l-attur qal kliem fis-sens riportat fil-konfront ta' dawk in-nies li, fil-fehma tieghu ikunu qeghdin ifixklu l-azjenda, u attivament jostakolaw dak li fil-fehma tieghu kien il-progress taghha, l-artikolista jestendi dak id-diskors ghall-haddiema kollha, bil-konsegwenza li s-sens kollu ta' dak li qal l-attur inbidel. Minn diskors ta' Manager li qed jittratta l-mod ta' amministrazzjoni ta'

azjenda li maghha wiehed jista' jaqbel u wiehed jista' ma jaqbilx, l-attur gie kwotat li qal diskors aggressiv ta' vendikazzjoni kontra l-haddiema kollha ta' l-azjenda razenti l-irresponsabilita', u mhux biss fir-rigward ta' dawk il-haddiema li fil-fehma tieghu kienu qed jostakolaw il-progress ta' l-azjenda. Bl-ebda mod allura ma seta' konvenut javanza l-gustifikazzjoni li l-fatt riportat minnu kien sostanzjalment veru. Dan propju ghaliex il-fatt minnu rapportat kien sostanzjalment inveritier. Fatt inveritier li kien mahsub propju biex inaqqas il-gieh ta' l-attur li kellu r-responsabilita' ta' tmexxija tas-socjeta' Air Malta f'ghajnejn il-haddiema kollha ta' l-istess azjenda.

6. Fid-dawl tal-premess l-aggravju ta' l-appellant fil-mertu ma jista' bl-ebda mod jigi sostnut. Dan propju ghaliex tali aggravju jikkonsidra dik il-parti ta' l-artikolu that ezami bhala kumment u mhux bhala fatt. Il-posizzjoni guridika hi li una volta ma jirrizultax bhala sostanzjalment korrett il-fatt pubblikat, l-ebda forma ta' kumment dwaru ma seta' jigi gustifikat. Inoltre, kif gia inghad, fl-artikolu de quo ma kien hemm l-ebda kumment fuq dan il-fatt dikjarat malafamanti.

Tirrizulta allura korretta s-sottomissjoni ta' l-appellat illi kienu rrizultaw provati iz-zewg elementi mehtiega biex jissusisti l-livell, l-

attribuzzjoni ta’ fatt inveritier u li dan il-fatt huwa malafamanti fil-konfront ta’ l-attur. L-appell ma setghax allura jigi sostnut fil-mertu.

7. Jibqa’ x’jigi konsidrat l-aggravju ta’ l-appellant fir-rigward tal-quantum tad-danni. L-appellant jissottometti li jqis l-ammont ta’ Lm500 likwidat bhala wiehed eccessiv filwaqt illi l-appellat isostni illi kien wiehed inferjuri ghall-aspettativa tieghu.

Din il-Qorti konsidrat ic-cirkostanzi kollha u ttendi biex taqbel li hemm lok ghal temperament fl-ammont ta’ danni, mhux tant fir-rigward tal-gravita’ ta’ l-ingurja imma fir-rigward ta’ l-effett li tali ingurja li seta’ kellha fil-kontest taz-zmien meta saret. Il-fatt malafamanti mhux pruvat gie inkluz fl-artikolu bl-iskop li jaghti risalt ghal mertu li ma kellu x’jaqsam xejn ma’ dak il-fatt u li l-ewwel Qorti ma sabitx li kien ingurjuz, u li dwaru qieset li l-kumment kien legittimu. Inoltre kien ragonevoli li wiehed jifhem illi l-qarrej ta’ l-artikolu ma kienx se jassumi li l-attur kien sejjer jghaddi minn fuq u jghaffeg lill-haddiema li kienu qed jahdmu sewwa l-interess ta’ l-azjenda, anke jekk indubbjament jibqa’ l-fatt li mhux minnu li l-attur qal diskors ta’ din ix-xorta li kieku veru kien inissel ribrezz fost il-qarrejja.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jidher li danni fl-ammont ta' Lm250 jkunu adegwati u f'dan is-sens din il-Qorti ser tirriforma s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu biss fir-rigward ta' l-ammont ta' danni likwidat mill-ewwel Qorti, tiddetermina dan l-ammont fis-somma ta' Lm250 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut appellant ihallas lill-appellat dan l-ammont hekk issa likwidat bl-imghax dekorribbli mil-lum, u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata. Ghall-kumplament is-sentenza appellata qed tigi konfermata fil-mertu. L-ispejjez ta' l-ewwel istanza kellhom jibqghu kif gia mill-ewwel Qorti decizi, dawk ta' din l-istanza kellhom jigu sopportati kwantu ghal tlett kwarti mill-appellant u kwantu ghal kwart mill-appellat.

Dep/Reg

mm